MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2006

Numru. 444/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**GRACE RAPA mart Tarcisio u bint Michael Cauchi u Mary Jane nee' Camilleri, imwielda fil-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 1942 u residenti 2, Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 62542G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **GRACE RAPA** mart Tarcisio u bint Michael Cauchi u Mary Jane nee' Camilleri, imwielda fil-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 1942 u residenti 2, Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-

identita’ numru 62542G giet mressqa quddiemha u akkuzata talli fit-tlettax [13] ta’ April, 2006 ghal habta tas-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar waqt li kienet fi Vjal it-Tmienja ta’ Settembru, Xaghra, Ghawdex:-

1. volontarjament kisret il bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, u storbju, u

2. talli verbalment heddedt jew insulentat lil Tabone Xi mix-Xaghra, Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PC 932 Louis Bigeni, lil Xi Tabone u lil Lucy Hart.

Semghet wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b’mod voluntarju u lil provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi stante li mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ippruvati ghas-sodisfazzjon taghha, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputata GRACE RAPA hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha fir-rigward l-ewwel [1] akkuza ghal hlas ta’ amenda ta’ ghaxar [10] liri maltin u fir-rigward tat-tieni [2] akkuza ghal hlas ta’ amenda ta’ hmistax [15] il-lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------